Adrian Grima

# Don't George, Don't Worry

## I

*lil Claire Bonello*

Mhux hekk trid tipprotesta Ms. Bonello!
B'xi poster insolenti kontra tagħna.
Minn fuq li nagħmlu tant biex Malta tħaddar,
biex poplu sħiħ jifhimna u jimxi magħna.

Qegħdin nirrazzjonalizzaw iż-żoni,
norganizzaw l-ispazji bl-attenzjoni.
Qed nikkoreġu biss l-anomaliji,
inneħħu ftit mill-ġenn u l-konfużjoni.

Fuq hekk ikkundannajtna Ms. Bonello?
U mort tgħajjarna f'nofs dimostrazzjoni?
Għalhekk se tmorru timmarċjaw fit-toroq?
Biex tattiraw ix-xemx ta' l-attenzjoni?

Biex l-għada jaqbdu magħna tal-gazzetti?
Biex tagħmel kapital l-Oppożizzjoni?
Għalhekk? Biex timminaw il-ħidma tagħna
u ċċajpru d-dawl li xħetna b'dil-viżjoni?

Kun af li din mhux se nħalliha għaddejja;
li ġejja u sejra l-ġarra fl-aħħar taqa'.
Jien razzjonali u nissaporti ħafna,
imm'issa fl-aħħar anki jien ninfaqa'.

## II

*lill-NGOs*

Lill-NGOs irridhom jgħidu tagħhom,
għax qatt ma jista' jimxi kollox pinna.
Però mis-seba' hawn min qed jieħu t-torso:
Ma tridx iddardar l-għajn li tixrob minnha.

© Adrian Grima - Ġunju 2006 – www.adriangrima.com